MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 169/2010

**Malta Towage Limited**

**vs**

**Dr. Adrian Camilleri u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja li b'digriet tal- 10 ta' Awwissu 2010 gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lil M/T Fendercare Independence gja M/T Grampian Dee (IMO 7342380)**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta` Malta Towage Limited datat 22 ta' Frar 2010 a fol. 1 tal-process fejn esponiet:-

Illi hija kienet tqabbdet mis-socjeta` Brittania Shipping International Limited sabiex taghmel xoghlijiet fuq il-

bastiment M/T Fendercare Independence gja M/T Grampian Dee, liema xoghlijiet kienu ta' kostruzzjoni, tiswija u konverzjoni tal-*bastiment* fuq imsemmi, liema xoghlijiet jidhru indikat f'aktar dettal fl-*Invoice* hawn anness u mmarkat Dok "MT 1".

Illi tali xoghlijiet saru bejn it-2 ta' Lulju 2009 u t-12 ta' Settembru 2009, data meta tali bastiment ittiehed fil-pussess tas-sidien odjerni.

Illi s-socjeta` attrici ghandha dritt ta' azzjoni *in rem* kontra l- bicca tal-bahar taht l-**artikolu 742 B (p).**

Illi sussegwentement il-bastiment inbiegh u hija baqghet ma thallsitx ghax-xoghol minnha maghmul u ghalhekk kellha tagixxi direttament kontra l-bastiment biex tissalvagwardja d-drittijiet taghha.

Illi l-bastiment jinstab hawn Malta, f'Church Wharf, Marsa u s-socjeta` attrici ottjeniet il-hrug ta' Mandat ta' Arrest tal-Bcejjec tal-Bahar (Mandat Nru.256/10) in salvagwardja tad-drittijiet taghha.

Illi l-ammont pretiz ghadu ma thallasx sa issa.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` rikorrenti talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara lill-bastiment intimat responsabbli ghall-hlas tax-xoghol ta' kostruzzjoni, tiswija u konverzjoni maghmul mis-socjeta` rikorrenti fuqha stess, liema xoghlijiet huma elenkati fid-dettal fid-Dok "MT 1".

*2..* Tillikwida l-ammont dovut mill-bastiment intimat lis-socjeta` rikorrenti.

3 Tikkundanna lill-istess bastiment intimat sabiex ihallas dik is-somma, hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti, bl-imghax mid-data ta' meta spiccaw ix-xoghlijiet sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjez tal-Mandat ta' Arrest Nru 256/10 tal-proceduri, iIkoll a karigu tal-bastiment intimat, li

rappresentant tieghu qieghed, minn issa, jigi ingunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument esebit a fol. 3 sa 5 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-30 ta' Marzu 2010.

Rat ir-rikors ta' Malta Towage Ltd datat 7 ta' Lulju 2010 a fol. 18 tal-process fejn talbet lill-Qorti joghgobha tahtar kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-intimati fl-atti kollha relattivi u sussegwenti prevja l-hrug tas-soltu bandu; u l-Qorti kif diversment presjeduta minn l-Imhallef Tonio Mallia innominat lil Dr. Adrian Camilleri u lill-Prokuratur Legali Victor Bugeja bhala kuraturi deputati, kif jidher bid-digiriet moghti fl-10 ta' Awwissu 2010.

Rat ir-risposta guramentata tal-bastiment intimat M/T Fender Care Independence datata 5 ta' Ottubru 2010 a fol 22 tal-process fejn eccepiet: -

Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda minn din l-Onorabbli Qorti bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici *stante* illi huma nfondati fill-fatt u fid-dritt u dan ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi *in limine litis* l-azzjoni attrici, in kwantu hija azzjoni *in rem* intavolata kontra l-bastiment eccipjent, ma tistax tissussisti *stante* din l-Onorabbli Qorti ma ghadx ghandha gurisdizzjoni *in rem* fuq il-*bastiment* eccipjenti *stante* li, fid-data tal-prezentata tar-risposta odjerna, il-bastiment eccipjenti m'ghadux prezenti f'ibhra ta' Malta. (**Chirri vs Rodante** (Kummerc, 9 Oct., 1977), **Mifsud vs Migliori** (Kummerc, 22 Oct., 23)

2. Illi, wkoll *in lineja* preliminari, ir-rekwiziti (necessarji sabiex tirnexxi l-azzjoni attrici bhala azzjoni *in rem* migjuba kontra l-*bastiment* intimat) kontemplati fl-**artikolu 742D tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta** mhumiex soddisfatt, u kwindi l-azzjoni attrici *in rem* migjuba kontra l-bastiment intimat ma tistax tissussisti u allura,

necessarjament, trid tfalli. Dan billi s-sid prezenti tal-bastiment eccipjenti (u cioe’ s-socjeta’ estera **Fender Care Marine Limited)** qatt ma kien u mhuwiex “il-persuna risponsabbli *in personam* versu s-socjeta’ attrici” (cioe’ mhuwiex *ir-relevant person)* kif irid l-imsemmi **artikolu 742D**. Ir-*relevant person* hija s-socjeta’ Maltija **Britannia Shipping International Limited** illi maghha ikkuntrattat is-socjeta’ attrici u li kienet sid il-bastiment meta giet fis-sehh “il-kawzali attrici” (*the cause of action)* kontemplata fil-kawza odjerna. (Dok “A”)

3. Illi subordinarjament u fil-mertu, m’huwiex minnu illi s-socjeta’ attrici ezegwiet ix-xoghlijiet, jew li ezegwiet dawk ix-xoghlijiet ghal dak il-prezz u matul il-perjodu imsemmija fir-rikors guramentat u kwindi, l-ebda somma m’hija dovuta mill-bastiment eccipjenti. *In ogni caso,* l-oneru tal-prova jinsab fuq is-socjeta’ attrici sabiex tipprova dak illi qed tallega.

4. Illi l-azzjoni odjerna m’hija xejn hlief *mis-en-scene* fejn, b’tali azzjoni, is-socjeta’ attrici qed tittanta titlob flus mis-socjeta’ Fender Care Marine Ltd, is-socjeta’ li xtrat il-bastiment eccipjenti mill-poter tas-socjeta’ Britannia Shipping International Limited li hija, din tal-ahhar, proprjeta’ tal-istess azzjonista wara l-istess socjeta’ attrici - u cioe` ta’ certu Joseph O’Connor). Kwindi, irid jigi verifikat kemm hu minnu li l-pretenzjonijiet attrici huma genwini, legali u meritati u jekk le, l-azzjoni attrici ghandha tigi michuda minn din l-Qorti.

Salv eccezzonijiet ulterjuri permessi mil-ligi.

Bl-ispejjez.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 24 sa 31 tal-process.

Rat in-nota tal-Avukat Adrian Camilleri et noe pprezentata *seduta stante* fis-17 ta’ Marzu 2011 a fol 95 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-2 ta’ Gunju 2011 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Adrian Camilleri bhala

kuratur tal-bastiment intimat. Peress li l-Avukat tas-socjeta` attrici gie elevat ghall-Magistratura, il-kawza baqghet differita sabiex is-socjeta` attrici tinkariga avukat iehor sas-seduta li jmiss, u tigi trattata l-ewwel (1) eccezjoni ghall-25 ta’ Ottubru 2011; u l-verbal tas-seduta mizmuma fit-22 ta’ Novembru 2011 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Patrick Valentino ghall-attur, u Dr. Adrian Camilleri bhala kuratur tal-bastiment intimat. Dr. Valentino irrimetta ruhu fuq ir-rikors datata 23 ta’ Gunju 2011 u l-Qorti rriservat li tipprovdi *in camera* dwar l-istess. Id-difensuri trattaw l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-kuratur. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu fuq l-ewwel eccezzjoni ghas-6 ta’ Marzu 2012; u tas-6 ta’ Marzu 2012 fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Peress li l-Qorti kellha bzonn aktar zmien ghall-prolazzjoni tas-sentenza, il-kawza differita ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni ghat-12 ta’ Gunju 2012.

Rat ir-rikors datat 23 ta’ Gunju 2011 u fir-rigward tal-istess peress li din il-Qorti ser taghti d-decizjoni taghha llum, tichad it-talba salv dak provdut fid-*decide* dwar il-hlas tal-ispejjez tal-kawza.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza *in rem* kontra l-bastiment ghall-hlas ta’ allegat xoghol ta’ kostruzzjoni, tiswija u konversjoni maghmula mis-socjeta’ attrici fuq inkarigu tas-socjeta’ Brittania Shipping International Limited esegwiti bejn it-2 ta’ Lulju 2009 sat-12 ta’ Settembru 2009 fuq il-bastiment m/t Fendercare Independence gia m/t Grampian Dee, liema valur intalab li jigi ffissat minn din il-Qorti ghalkemm

il-fattura allegata mal-azzjoni attrici hija fl-ammont ta' €28,670.

Illi jirrizulta li l-vapur inbiegh lis-socjeta' Fender Care Marine Limited fl-14 ta' Settembru 2009 skond Bill of Sale relattiv esebita mar-risposta guramentata (Dok. "A"). Ghal din il-pretensjoni kien inhareg Mandat ta' Arrest ta' Bcejjec tal-Bahar Numru 256/2010 datat 22 ta' Frar 2010 u milqugh fl-istess data (fol. 96); fit-22 ta' Marzu 2010 saret cedola ta' depositu Numru 384/2010 b'garanzija bankarja sabiex jinheles tali bastiment mill-arrest; illi saret cedola ohra mill-istess bastiment Numru 425/2010 fejn giet depositata mill-imsemmi bastiment is-somma ta' €30,000; minhabba dan ic-cedola ta' depositu 384/2010 giet revokata b'digriet datat 4 ta' Mejju 2010; sar rikors fid-19 ta' Mejju 2010 mill-bastiment M/T Fendercare Independence sabiex l-ammont hekk depositat jig rilaxxat favur il-bastiment u sabiex fin-nuqqas tigi mposta garanzija ghall-hlas ta' penali u danni skond l-**artikolu 838A tal-Kap. 12.** B'digriet datat 14 ta' Gunju 2010 l-ewwel talba giet michuda izda giet milqugha t-tieni talba u s-socjeta' attrici giet ordnata sabiex tipprezenta garanzija ghas-somma ta' €6,000 fi zmien gimghatjen mid-data tad-digriet (fol. 60). Din il-garanzija ma jidhirx li saret, u fit-2 ta' Lulju 2010 gie pprezentat rikors mill-istess bastiment (fol. 132) sabiex l-istess bastiment jigi awtorizzat jirtira s-somma depositata bic-cedola ta' depositu 425/2010, u din it-talba giet milqugha fis-26 ta' Awwissu 2010 (fol. 125) u l-izbank sar fit-22 ta' Settembru 2010 (fol. 123).

Illi l-kawza odjerna saret fit-22 ta' Frar 2010 u jirrizulta li fid-data tar-risposta tal-bastiment dan il-bastiment ma kienx Malta u llum lanqas huwa Malta, la darba il-gurisdizzjoni hija radikata f'azzjoni ta' dan it-tip fil-kazijiet meta (a) l-kreditu jaqa' taht xi *cause of action* elenkat fil-ligi; (b) l-azzjoni titressaq kontra l-vapur bhala konvenut fil-kawza; (c) l-valur ikun fl-ibhra Maltin, u (d) il-vapur irid ikun gie maqbud jew mizmum milli jitlaq minn Malta u dawn iridu jippersistu tul l-azzjoni anke jekk ma jkunx sar depositu tal-ammont pretiz fil-Qorti, u dan sabiex l-istess decizjoni tkun tista' tigi esegwita kontra tieghu u dan kif konsistentement ritenut f'diversi sentenzi fosthom dawk fl-

ismijiet **"Av. Dr. Kevin Dingli nomine vs Kaptan Sebastiano Pizzimenti proprio et nomine"** (P.A. (DS) – 11 ta' Lulju 2001); **"AWT Handels Gesellshaft mbH vs Il-Bastiment M/V Dmitri Poluyan et"** (P.A. (AJM) – 1 ta' Ottubru 2001); **"S. Mifsud & Sons Limited vs M.V. Euredika et"** (P.A. (GCD) – 23 ta' Novembru 2001); **"Valfracht Roro Line Ltd vs Dr. Louis Cassar Pullicino nomine"** (P.A. (JRM) – 10 ta' April 2003; **"Dr. Max Ganado nomine vs Kaptan Sebastiano Pizzimenti proprio et nomine"** (A.C. – 30 ta' Novembru 2007), fejn inghad li *"dawn ir-rekwiziti huma intizi sabiex jirradikaw il-gurisdizzjoni tal-Qorti".*

Illi mill-fatti fuq esposti jirrizulta li fid-data msemmija la l-vapur u lanqas id-depositu fil-Qorti ma ghadu jissussisti u ghalhekk din il-Qorti llum ma ghandhiex gurisdizzjoni li tisma' din l-azzjoni *in rem* li necessarjament tinhtieg il-prezenza tal-vapur f'ibhra territorjali Maltin, jew almenu wara l-arrest tal-vapur, id-depositu idoneu tas-somma fir-Registru ta' din il-Qorti sabiex il-vapur jithalla jitlaq minn Malta. B'hekk l-ewwel eccezjoni qed tigi milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-bastiment M/T Fender Care Independence u tiddikjara li din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni *in rem* sabiex tisma' l-kawza odjerna, u dan in vista ta' dak hawn deciz, u **b'hekk tichad it-talbiet attrici.**

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici Malta Towage Limited.

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------